**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 11 ta' Frar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' omissis u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 217002L, akkuzata talli matul is-sena 2018 gewwa Wied il-Ghajn, f' dawn il-Gzejjer;

1. Ghamlet jew ipproduciet jew ippermettiet li tigi maghmula jew prodotta xi materjal indecenti jew ipproduciet, qasmet, xerdet, importat,

esportat, offriet, bieghet, issupplixxiet, ittrasmettiet, ghamlet disponibbli, akkwistat ghaliha innifsha jew ghal haddieħor, jew weriet dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkustanzi akkwistat, xjentament akkwistat access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellha fil pussess taghha, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta' Jannar, 2020 (esebit a fol. 14 tal-atti processwali) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2020 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti

wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputata kienet minuri fiz-zmien meta kkommettiet ir-reati li taghhom qed tinstab hatja. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputata kkoperat fil-kors tal-investigazzjoni kif ukoll il-fatt li skond kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni il-mertu tal-kaz jitratta pussess ta' video wiehed biss li ma giex trasmess lil terzi persuni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 208A u 208A(1B), 17 u 37 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputata fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u dan stante li hija kienet minuri fiz-zmien li kkommettiet ir-reati li taghhom qed tinstab hatja.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela

Deputat Registratur